30 ta' Mejju, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Paul Abela ne. *versus* Paul Azzopardi

**Bejgħ — Terminu — Kondizzjoni Riżolutiva — Rinunzja — Art. 1488 tal-Kodiċi Civili.**

*Il-Liġi Kummerċjali Maltija ma tikkontjenix dispożizzjonijiet speċjali għar-rigward tal-bejgħ; u għalhekk dan huwa dixxiplinat mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. U skond il-Kodiċi Ċivili, meta l-bejgħ huwa ta' merkanzija jew ta' ħwejjeġ oħra mobili, hemm lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ "ipso jure" favur il-bejjiegħ jekk ix-xerrej ma jmurx jirtira l-merkanzija jew il-ħaġa mibjugħa fiż-żmien miftiehem.*

*Dan ifisser illi, biex il-bejjiegħ jista' jirritjeni ruħu maħlul mill-bejgħ "ipso jure", hemm bżonn li jkun ġie miftiehem terminu għar-ritir tal-ħaġa mibjugħa da parti tal-kumpratur—terminu li jista' jkun espress jew taċitu. Jekk terminu ma jkunx ġie miftiehem, ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ tista' biss tiġi ottenuta mill-bejjiegħ ġudizzjarjament; u għalhekk, jekk il-bejjiegħ jidhirlu li għadda żmien raġjonevoli u biżżejjed biex il-kumpratur jirtira l-merkanzija kollha, huwa għandu jirrikorri lill-Qorti biex dan iż-żmien jiġi fissat minnha.*

*Ir-rinunzji huma "di stretto diritto", meta ma humiex espressi; u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabili mal-volontà tal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volontà preċiża tar-rinunzja.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur nomine talab li, wara li jiġu mogħtijin id-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £843. 2. 3. bilanċ ta' prezz ta' merċi mibjugħa u konsenjata lill-istess konvenut, skond il-kont (dok. A); bl-imgħaxijiet kummerċjali mit-3 ta' Settembru 1951, u bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-21 ta' Frar 1952, tal-Qorti tal-Kummerċ, li ddikjarat illi ma kienx hemm lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ "ipso jure" favur l-attur taħt id-dispożizzjonijiet fuq im-

semmija, u li għalhekk il-konvenut għandu d-dritt li sa għaxart elef xkora l-prezz jiġi konteġġjat bil-*prezz* u bil-kondizzjonijiet tal-memorandum, l-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni għak-kariku *ta' l-attur nomine; u nnominat, a spejjeż* provviżorjament ta' l-attur nomine, lin-Negozjant John Fleri sabiex dan jillikwida l-pendenza tal-kont fol. 5 billi jiffissa s-somma li tirriżulta, wara li jqies id-deċiż bis-sentenza odjerna, u wara li jqies il-kritiki l-oħra tal-kont magħmula mid-ditta konvenuta............; wara li kkunsidrat;

Illi qabel ma jistgħu jiġu sistemati *bejn il-kontendenti* l-kontijiet li jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawża, jeħtieġ li jiġi definit mill-Qorti l-pont jekk l-attur nomine kellux id-dritt li, wara ċertu żmien, u qabel ma saret il-konsenja tal-kwantitativ ta' għaxart elef xkejjer imsemmijin fil-memorandum fol. 10, jikkunsidra ruħu maħlul mill-obligazzjoni u jaddebita lill-konvenut, għall-konsenji susseg*wenti għal din ir-riżoluzzjoni unilaterali*, bi prezz ogħla minn dak imsemmi fil-memorandum, ċjoè bil-prezz plateali;

Illi l-Liġi Kummerċjali Maltija ma tikkontjenix dispożizzjonijiet speċjali għar-rigward tal-bejgħ; u għalhekk dan baqa' dixxiplinat mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. L-art. 1488 Kod. Ċiv., Kap. 23 Ediz. Riv., jgħid *hekk* :— "Iżda, meta *l*-bejgħ hu ta' merkanzija jew ta' ħwejjeġ oħra mobili, il-ħall tal-bejgħ, għalkemm il-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx ġiet miftehma espressament, isir "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-għeluq taż-żmien miftiehem għall-konsenja tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha............";

*Hu ċar, għalhekk, li skond il-Liġi Maltija*, sabiex tista' tiġi applikata din id-dispożizzjoni, hemm bżonn li jkun hemm terminu;

Issa, f'dan il-każ termini ma kienx hemm; għaliex il-konvenut kellu jieħu s-siment man mano li jkollu bżonnu fil-kors tal-kostruzzjonijiet edilizji li huwa kien qed jagħmel il-Mandraġġ. Anzi appuntu huwa ma kkunsidrax offerti ta' siment, li kienu qegħdin jagħmlulu negozjanti oħra, għaliex l-attur ma rabtu bl-ebda żmien;

Illi hu veru li t-terminu ma hemmx bżonn li jkun espress, imma jista' jkun taċitu (Laurent, Vol. 24, para. 315), bħal ma

jkun meta jiġi ndott minn konvenzjonijiet preċedenti bejn il-partijiet;

Illi f'dan il-każ, però, ma kienx hemm lanqas ebda terminu taċitu;

Illi lanqas jista' *jingħad illi hemm dejjem dak it-terminu* li jitnissel mix-xorta ta' l-obligazzjoni; għaliex terminu simili, kif ġie deċiż mill-Imħallef Dr. Paolo Debono sedenti f'dik il-Qorti, fil-kawża "Micallef vs. Briffa" 15. 12. 1900 (Vol. XVII—III—108), ma jirrendix applikabili d-dispożizzjoni in parola, li hi eċċezzjonali, peress li r-regola hi dik tar-riżoluzzjoni bil-mezzi tal-Qorti (ara wkoll Pacifici Mazzoni, Vol. II, 55, Vendita);

Illi la darba ma kienx hemm terminu, la espress u lanqas taċitu, kwindi dik id-dispożizzjoni ma kienetx applikabili, u tirriprendi l-vigur tagħha r-regola ġenerali tar-riżoluzzjoni ġudizzjarja;

Illi l-attur *jippretendi wkoll illi l-konvenut aċċetta r-riżoluzzjoni* għax kien jirċievi "delivery notes" bla ma pprotesta kontra l-prezz aktar għoli minn dak tal-memorandum. Il-konvenut xehed li hu kien iħallas bla preġudizzju. F'dan il-konflitt il-Qorti ma tistax tħossha konvinta illi l-konvenut irrinunzja għad-drittijiet tiegħu skond il-memorandum, li ċjoè s-siment, sa għaxart elef xkora, *jiġi konteġġjat bil-prezz tal-memorandum*, molto pjù illi r-rinunzji huma "di stretto diritto" u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabili mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volontà preċiża tar-rinunzja (ara Coen, voce Rinunzia, para. 5 u 9). F'dan il-każ, anki l-fatt stess, pretiż argument tar-rinunzja, huwa dubju; għaliex hemm ix-xhieda ta' *l-attur kontradetta minn dik tal-konvenut*, bla ebda element ieħor ta' prova;

Rat in-nota ta' l-appell, li biha l-attur appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Frar 1952;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur, li biha dana talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti tirrigwarda l-fornitura tas-siment "Portland". Skond il-memorandum eżibit

fil-fol. 10 tal-proċess, il-konvenut xtara minn għand l-attur "Portland cement in paper bags, about 10,000 bags, at the rate of 7s. per bag, delivered free at works". Is-siment kellu jkun konsenjat lill-konvenut fejn huwa kien qiegħed jibni, u fil-fatti l-konsenja bdiet issirlu hemm. Huwa naturali, ladarba l-konsenja kellha ssirlu fil-post tax-xogħol—"at works"—illi l-konvenut kellu jieħu s-siment bil-kwantità skond il-bżonn li kien ikollu, u mhux f'daqqa; u tabilħaqq, is-siment mhux ħaġa li tista' titqiegħed kullimkien fil-beraħ; u għalhekk ma setax ikun preżumibili li l-konvenut kellu jirtira l-partita kollha f'daqqa jew f'qasir żmien. Ċertament ebda terminu definit ma ġie stipulat, u għalhekk l-attur ma seta' jippretendi li kellu ebda terminu, lanqas bis-skiet, favur tiegħu. Lanqas kien preżumibili li l-konvenut imur jieħu s-siment fil-maħżen tar-Rabat li semma l-attur, għax il-konvenut kien xtara s-siment prinċipalment għall-appalt tal-bini tal-Mandraġġ, u l-konsenja kellha ssir fejn kien qiegħed isir ix-xogħol. Ġara li, wara li l-konvenut ħallas il-kont sa nofs Novembru 1950 bil-prezz miftiehem, il-prezz tas-siment fis-suq beda jogħla, u l-attur ippretenda li jgħolli unilateralment il-prezz u jiċċarġja lill-konvenut tat-trasport; u għalhekk beda jibgħat lill-konvenut kontijiet bil-prezz bil-għoli. Il-konvenut qatt ma qal lill-attur li ried jaċċetta l-għoli u l-ħlas tat-trasport; anzi l-konvenut xehed li pprotesta ma' bin l-attur. Iżda anki jekk ma pprotesta xejn, b'daqshekk il-konvenut ma obligax ruħu li jħallas bil-għoli, għax favur tiegħu kellu l-memorandum tal-ftehim, u naturalment kien jaqbillu jżomm is-skiet biex l-attur ma jwaqqaflux il-konsenja waqt li kien sejjer ix-xogħol ta' l-appalt, u għalhekk kien jaqbillu jirċievi s-siment li kellu dritt jirċievi bil-prezz tal-memorandum, u jħalli l-kwistjoni tal-għoli pretiż mill-attur għal wara;

U tabilħaqq, l-attur ma kellu ebda dritt ibiddel jew iħassar il-ftehim li kellu mal-konvenut unilateralment u "marte proprio". Jekk imbagħad l-attur kien jidhirlu li għadda żmien raġjonevoli biex il-konvenut jieħu l-kwantità kollha miftehma, huwa ma setax jikkunsidra ruħu maħlul mill-obligazzjoni, iżda kellu jirrikorri lejn il-Qorti, jitlob il-prefissjoni tat-terminu, u, jekk jidhirlu li jkun il-każ, jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt. Minn dana kollu ma għamel xejn; anzi lanqas ipprotesta ruħu

biex juri li ried jikkostitwixxi *lill*-konvenut in mora. Għaldaqstant l-attur baqa' marbut bil-ftehim tal-memorandum, u għalhekk la seta' jgħolli l-prezz tas-siment u lanqas jiċċarġja tat-trasport tiegħu. Kwantu mbagħad għas-siment "Tunnel", dan, kif stqarr il-konvenut, ma kienx inkluż fil-ftehim tal-memorandum, u għalhekk fuq is-siment "Tunnel" ma hemmx ebda kwistjoni bejn il-partijiet (*fol.* 35 wara);

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.